

— tikkundanna lir-Renju tal-Belġju għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2006/46/KE skada fil-5 ta' Settembru 2008. Issa, fid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors, il-konvenut ma kienx ħa l-miżuri kollha neċessarji sabiex jittrasponi d-direttiva jew, fi kwalunkwe każ, huwa ma kienx informa lill-Kummissjoni.

(<sup>1</sup>) ĠU L 224, p. 1.

### Rikors ippreżentat fit-8 ta' Jannar 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

(Kawża C-8/10)

(2010/C 80/22)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Braun u L. de Schietere de Lophem, aġenti)

Konvenut: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

### Talbiet

— tikkonstata li, billi ma adottax il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji kollha sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2006/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-14 ta' Ġunju 2006, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji, 83/349/KEE dwar kontijiet konsolidati, 86/635/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn u 91/674/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta intrapriżi tal-assigurazzjoni (<sup>1</sup>), jew, fi kwalunkwe każ, billi ma nnotifikahomx lill-Kummissjoni, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas mill-obbligi tiegħu taħt din id-direttiva;

— tikkundanna lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2006/46/KE skada fil-5 ta' Settembru 2008. Issa, sad-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors, il-konvenut ma kienx għadu adotta l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jittrasponi din id-direttiva jew, fi kwalunkwe każ, ma kienx innotifikahom lill-Kummissjoni.

(<sup>1</sup>) ĠU L 224, p. 1

### Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden fit-8 ta' Jannar 2010 — Staatssecretaris van Financiën vs Marishipping and Transport BV

(Kawża C-11/10)

(2010/C 80/23)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

### Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Staatssecretaris van Financiën

Konvenuta: Marishipping and Transport BV

### Domandi preliminari

- (1) L-eżenzjoni mid-dazju tas-sustanzi farmaċewtiċi msemmija fl-Ewwel Parti, Taqsima II, Parti C(i) tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 (<sup>1</sup>), tat-23 ta' Lulju 1987, moqri flimkien mal-lista ta' sustanzi farmaċewtiċi li jinsabu fit-Tielet Parti (annessi) tat-Taqsima II tal-Anness 3, hija limitata għas-sustanzi (kimiċi) imsemmija fil-forma pura tagħhom?
- (2) Jekk sustanzi oħra jistgħu jiżiedu mas-sustanza farmaċewtika indikata, liema huma r-restrizzjonijiet applikabbli f'dan ir-rigward?

(<sup>1</sup>) Regolament dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382).